SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

29 ta' Lulju 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati – Direttiva 2001/29/KE – Soċjetà tal-informazzjoni – Armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati – Artikolu 2(a) – Dritt ta' riproduzzjoni – Artikolu 3(1) – Komunikazzjoni lill-pubbliku – Artikolu 5(2) u (3) – Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet – Portata – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"

Fil-Kawża C-469/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Ġunju 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Awwissu 2017, fil-proċedura

**Funke Medien NRW GmbH**

vs

**Bundesrepublik Deutschland,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, A. Arabadjiev, M. Vilaras, T. von Danwitz, C. Toader, F. Biltgen u C. Lycourgos, Presidenti ta' Awla, E. Juhász, M. Ilešič (Relatur), L. Bay Larsen u S. Rodin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: M. Aleksejev, Kap ta' Unità,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-3 ta' Lulju 2018,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Funke Medien NRW GmbH, minn T. von Plehwe, Rechtsanwalt,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze, M. Hellmann, E. Lankenau u J. Techert, bħala aġenti,

– għall-Gvern Franċiż, minn E. Armoët, D. Colas u D. Segoin, bħala aġenti,

– għall-Gvern tar-Renju Unit, minn Z. Lavery u D. Robertson, bħala aġenti, assistiti minn N. Saunders, barrister,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn H. Krämer, T. Scharf u J. Samnadda, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2018,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(a), tal-Artikolu 3(1) u tal-Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Funke Medien NRW GmbH (iktar 'il quddiem "Funke Medien"), li topera l-portal internet tal-ġurnal Ġermaniż ta' kuljum *Westdeutsche Allgemeine Zeitung*, u l-Bundesrepublik Deutschland (ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja) dwar il-pubblikazzjoni minn Funke Medien ta' ċerti dokumenti "ikklassifikati bħala suġġetti għal aċċess ristrett" redatti mill-Gvern Ġermaniż.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi 1, 3, 6, 7, 9, 31 u 32 tad-Direttiva 2001/29 jiddikjaraw:

"(1) It-Trattat [KE] jipprovdi għat-twaqqif ta' suq intern u l-istituzzjoni ta' sistema li jiżgura li l-kompetizzjoni fis-suq intern ma tkunx inġusta. L-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar id-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati tikkontribwixxi għall-kisba ta' dawn l-oġġettivi.

[…]

(3) L-armonizzazzjoni proposta tgħin biex timplimenta l-erba' libertajiet tas-suq intern u għandha x'taqsam mall-konformità mal-prinċipji fundamentali tal-liġi u speċjalment tal-proprjetà, inkluża proprjetà intellettwali, u libertà ta' espressjoni u l-interess pubbliku.

[…]

(6) Mingħajr armonizzazzjoni f'livell ta' Komunità, attivitajiet leġislattivi f'livell nazzjonali li diġà bdew f'għadd ta' Stati Membri sabiex jirrispondu għall-isfidi jistgħu jirriżultaw f'differenzi sinifikanti fil-protezzjoni u b'hekk fir-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu ta' servizzi u prodotti li jinkorporaw, jew ikunu bażati fuq, proprjetà intellettwali, li twassal għal frammentazzjoni mill-ġdid tas-suq intern u inkonsistenza leġislattiva. L-impatt ta' dawn id-differenzi leġislattivi u inċertezzi jsir aktar sinjifikanti b'aktar żvilupp tas-soċjetà ta' l-informazzjoni, li diġà żiedet ħafna l-isfruttament li jaqsam il-fruntieri ta' proprjetà intellettwali. […]

(7) Il-qafas legali tal-Komunità għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati għandu, għalhekk, jiġi adattat u supplimentat ukoll sa fejn hu meħtieġ għall-funzjonament faċli tas-suq intern. […] [Id-]differenzi li ma jolqtux b'mod negattiv il-funzjonament tas-suq intern mhux meħtieġ li jitneħħew jew jiġu evitati.

[…]

(9) Kull armonizzazzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati għandha tkun bażata fuq livell għoli ta' protezzjoni, għar-raġuni li dawn id-drittijiet huma kruċjali għall-kreazzjoni intellettwali. Il-protezzjoni tagħhom tgħinhom jiżguraw it-tkomplija u l-iżvilupp tal-kreattivita fl-interessi ta' l-awturi, artisti, produtturi, konsumaturi, kultura, industrija u l-pubbliku in ġenerali. Proprjetà intellettwali ġiet għalhekk rikonoxxuta bħala parti integrali ta' proprjetà.

[…]

(31) Bilanċ ġust ta' drittijiet u interessi bejn il-kategoriji differenti ta' detenturi ta' drittijiet, kif ukoll bejn il-kategoriji differenti ta' detenturi ta' drittijiet u utentu ta' materjal protett għandhom ikunu salvagwardati. L-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet eżistenti tad-drittijiet kif stipulati mill-Istati Membri għandhom ikunu stmati mill-ġdid fl-isfond ta' l-ambjent elettroniku ġdid. […] Sabiex jiżguraw il-funzjonament sew tas-suq intern, dawn l-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet għandhom ikunu mfissra aktar armonjożament. Il-grad ta' armonizzazzjoni tagħhom għandu jkun ibbażat fuq l-impatt tagħhom fuq il-funzjonament faċli tas-suq intern.

(32) Din id-Direttiva tipprovdi għal elenku eżawrjenti ta' eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet għad-dritt ta' riproduzzjoni u d-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku. […] L-Istati Membri għandhom jaslu għal applikazzjoni koerenti ta' dawn l-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet […]"

4 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, intitolat "Dritt ta' riproduzzjoni", huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu għad-dritt esklussiv li jawtorizza jew jipprojbixxi riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull forma, kollha jew parti:

(a) għall-awturi, tax-xogħolijiet tagħhom;

[…]"

5 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Id-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħolijiet u d-dritt li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku suġġett ieħor", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awturi bid-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kull komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħolijiet tagħhom, bil-fili jew mezzi mingħajr fili, inklużi li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku x-xogħolijiet tagħhom b'mod li membri tal-pubbliku jistgħu jkollhom aċċess għalihom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom."

6 L-Artikolu 5 tal-istess direttiva, intitolat "Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet", jipprevedi, fil-paragrafu 3(ċ) u (d) u fil-paragrafu 5 tiegħu:

"3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet għad-drittijiet li hemm provdut dwarhom fl-Artikoli 2 u 3 fil-każi li ġejjin:

[…]

(ċ) riproduzzjoni mill-istampa, komunikazzjoni lill-pubbliku jew li jagħmlu disponibbli artikli publikati dwar temi kurrenti ekonomiċi, politiċi jew reliġjużi jew ta' xogħolijiet imxandra jew suġġett ieħor ta' l-istess tip, fil-każi fejn dan l-użu ma jkunx riservat espliċitament, u sakemm is-sors, magħdud l-isem ta' l-awtur, ikun indikat, jew l-użu tax-xogħolijiet jew suġġett ieħor rigward konness mar-rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti, sakemm ikunu ġustifikati mill-iskop informattiv u sakemm is-sors, magħdud l-isem ta' l-awtur, ikun indikat, sakemm ma jinstabx li dan ikun impossibbli;

(d) kwotazzjonijiet għal skopijiet bħal kritika jew riċensjoni, kemm-il darba jkunu relatati ma' xogħol jew suġġett ieħor li kien diġà sar disponibbli legalment għall-pubbliku, li, sakemm ma jkunx sar impossibbli, is-sors, magħdud l-isem ta' l-awtur, ikun indikat, u li l-użu tagħhom huwa skond prattika ġusta, u sa fejn meħtieġ, mill-iskop speċifiku;

[…]

5. L-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet li hemm provdut dwarhom fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4 għandhom ikunu applikati biss f'ċerti każi speċjali li ma jmorrux kontra l-isfruttament normali tax-xogħol jew suġġett ieħor u ma jippreġudikawx b'mod bla raġuni l-interessi leġittimi tad-detentur tad-drittijiet."

### *Id-dritt Ġermaniż*

7 Il-Gesetz über Urheberrecht und verwandte Schutzrechte – Urheberrechtsgesetz (il-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Awtur u d-Drittijiet Relatati) tad-9 ta' Settembru 1965 (BGBl. 1965 I, p. 1273, iktar 'il quddiem l-"UrhG") tipprovdi, fl-Artikolu 50 tagħha, intitolat "Rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti":

"Sabiex isir rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti permezz tax-xandir jew ta' mezzi tekniċi simili, f'ġurnali, f'rivisti u f'pubblikazzjonijiet oħra jew fuq kwalunkwe mezz ieħor, li jirrakkontaw prinċipalment il-ġrajjiet tal-ġurnata, kif ukoll f'film, huwa permess li jiġu rriprodotti, iddistribwiti u kkomunikati lill-pubbliku x-xogħlijiet li wieħed jista' jara u jisma' matul il-ġrajjiet irrapportati, sa fejn dan ikun iġġustifikat sabiex jintlaħaq l-iskop intiż."

8 L-Artikolu 51 tal-UrhG, intitolat "Kwotazzjonijiet", huwa fformulat kif ġej:

"Ir-riproduzzjoni, id-distribuzzjoni u l-komunikazzjoni lill-pubbliku, għal finijiet ta' kwotazzjoni, ta' xogħol diġà ppubblikat huma permessi sa fejn il-portata tal-użu tkun iġġustifikata sabiex jintlaħaq l-iskop speċifiku intiż. Huwa permess b'mod partikolari:

1. li jiġu inklużi xogħlijiet individwali, wara l-pubblikazzjoni tagħhom, f'xogħol xjentifiku awtonomu bil-għan li jiġi spjegat il-kontenut tiegħu;

2. li jiġu ċċitati siltiet minn xogħol, wara l-pubblikazzjoni tiegħu, f'xogħol letterarju awtonomu;

3. li jiġu ċċitati, f'xogħol mużikali awtonomu, siltiet iżolati minn xogħol mużikali diġà ppubblikat."

### **Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

9 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tistabbilixxi kull ġimgħa rapport tas-sitwazzjoni militari dwar l-interventi tal-Bundeswehr (l-Armata Federali, il-Ġermanja) barra mill-pajjiż u dwar l-iżviluppi li jkunu seħħew fiż-żoni ta' intervent. Dawn ir-rapporti jintbagħtu, taħt l-isem "Unterrichtung des Parlaments" ("Informazzjoni għall-Parlament", iktar 'il quddiem l-"UdP"), lil ċerti deputati tal-Bundestag (il-Parlament Federali, il-Ġermanja), lil unitajiet tal-Bundesministerium der Verteidigung (il-Ministeru Federali għad-Difiża, il-Ġermanja) u lil ministeri federali oħra, kif ukoll lil ċerti dipartimenti taħt l-awtorità tal-Ministeru Federali għad-Difiża. L-UdP huma kkunsidrati bħala "dokumenti kklassifikati – Ristrett", l-iktar livell baxx ta' kunfidenzjalità fost l-erba' livelli ta' kunfidenzjalità previsti fid-dritt Ġermaniż. Fl-istess ħin, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tippubblika verżjonijiet fil-qosor tal-UdP taħt l-isem "Unterrichtung der Öffentlichkeit" ("Informazzjoni għall-Pubbliku"), li huma aċċessibbli għall-pubbliku mingħajr ebda restrizzjoni.

10 Funke Medien topera l-portal internet tal-ġurnal Ġermaniż ta' kuljum *Westdeutsche Allgemeine Zeitung*. Fis-27 ta' Settembru 2012, hija talbet aċċess għall-UdP kollha stabbiliti matul il-perijodu mill-1 ta' Settembru 2001 sas-26 ta' Settembru 2012. Din it-talba ġiet miċħuda mill-awtoritajiet kompetenti għar-raġuni li l-iżvelar tal-informazzjoni inkluża f'dawn l-UdP seta' jkollu effetti negattivi fuq interessi sensittivi tal-Armata Federali fir-rigward tas-sigurtà. F'dan il-kuntest, l-imsemmija awtoritajiet għamlu riferiment għall-"Informazzjoni għall-Pubbliku" li jiġu ppubblikati regolarment u li jikkostitwixxu verżjonijiet tal-UdP li ma jolqtux l-imsemmija interessi. Madankollu, Funke Medien kisbet, b'mezz mhux magħruf, il-parti l-kbira tal-UdP, li hija ppubblikat parzjalment taħt l-isem *Afghanistan Papiere* ("Dokumenti dwar l-Afganistan") u li setgħu jiġu kkonsultati, fuq is-sit internet tagħha, fil-forma ta' paġni individwali ddiġitalizzati, flimkien ma' introduzzjoni, links addizzjonali u stedina għal interazzjoni.

11 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li tqis li Funke Medien kienet b'hekk kisret id-drittijiet tal-awtur tagħha fuq l-UdP, ippreżentat azzjoni għal inġunzjoni kontra din tal-aħħar, li ntlaqgħet mil-Landgericht Köln (il-Qorti Reġjonali ta' Köln, il-Ġermanja). L-appell ippreżentat minn Funke Medien ġie miċħud mill-Oberlandesgericht Köln (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Köln, il-Ġermanja). Permezz tal-appell għal reviżjoni tagħha, ippreżentat quddiem il-qorti tar-rinviju, Funke Medien sostniet it-talbiet tagħha għaċ-ċaħda tal-azzjoni ta' inġunzjoni.

12 Il-qorti tar-rinviju tosserva li r-raġunament tal-Oberlandesgericht Köln (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Köln) huwa bbażat fuq il-premessa li l-UdP jistgħu jiġu protetti bħala "xogħlijiet letterarji" taħt id-drittijiet tal-awtur u li ma jikkostitwixxux testi uffiċjali, li huma esklużi mill-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet. Hija madankollu tenfasizza li l-imsemmija qorti ma għamlet ebda konstatazzjoni dwar il-karatteristiċi konkreti li jippermettu konklużjoni dwar il-karatteristika partikolari kreattiva tal-UdP.

13 B'dan premess, il-qorti tar-rinviju tqis li jkun eskluż li tiġi annullata s-sentenza tal-Oberlandesgericht Köln (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Köln) u li l-kawża tintbagħat lura quddiem din il-qorti tal-aħħar sabiex tingħata l-opportunità tagħmel, *a posteriori*, konstatazzjonijiet f'dan is-sens, fil-każ li ksur tad-drittijiet tal-awtur fuq l-UdP, li għandu jiġi preżunt għall-finijiet tal-istħarriġ legali li għandu jiġi eżerċitat fil-kuntest ta' appell għal reviżjoni, ikun fi kwalunkwe każ kopert mir-regoli derogatorji dwar ir-rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti jew dwar il-kwotazzjonijiet, previsti rispettivament fl-Artikoli 50 u 51 tal-UrhG, jew fil-każ li tali ksur ikun iġġustifikat mil-libertà ta' informazzjoni jew mil-libertà tal-istampa, previsti rispettivament fl-ewwel u fit-tieni sentenzi tal-Artikolu 5(1) tal-Grundgesetz für die Bundesrepublik Deutschland (il-Liġi Fundamentali għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja) tat-23 ta' Mejju 1949 (BGBl. 1949 I, p. 1, iktar 'il quddiem il-"GG") kif ukoll fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). Fil-fatt, skont il-qorti tar-rinviju, f'tali każ, il-kawża tkun fi stat li tiġi deċiża u jkollha tibdel is-sentenza tal-Landgericht Köln (il-Qorti Reġjonali ta' Köln) billi tiċħad l-azzjoni għal inġunzjoni mressqa quddiemha mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

14 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tqis li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(a), tal-Artikolu 3(1) u tal-Artikolu 5(3)(ċ) u (d) tad-Direttiva 2001/29, moqrija fid-dawl tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari tal-libertà ta' informazzjoni u tal-libertà tal-istampa, ma hijiex ċara. Hija għandha dubju b'mod partikolari dwar jekk dawn id-dispożizzjonijiet iħallux marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tat-traspożizzjoni tagħhom fid-dritt nazzjonali. F'dan ir-rigward hija tosserva li, skont il-ġurisprudenza tal-Bundesverfassungsgericht (il-Qorti Kostituzzjonali Federali, il-Ġermanja), id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jittrasponu direttiva tal-Unjoni Ewropea ma għandhomx, bħala prinċipju, jiġu evalwati fid-dawl tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-GG, iżda għandhom jiġu evalwati biss fid-dawl tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni meta din id-direttiva ma tħalli lill-Istati Membri ebda marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tat-traspożizzjoni tagħha.

15 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar id-dritt esklużiv tal-awturi għar-riproduzzjoni (Artikolu 2(a) tad-[Direttiva 2001/29]) u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku, inkluż id-dritt ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku (Artikolu 3(1) tad-[Direttiva 2001/29]) tax-xogħlijiet tagħhom, u l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet ta' dawn id-drittijiet (Artikolu 5(2) u (3) tad-[Direttiva 2001/29]), iħallu marġni diskrezzjonali għat-traspożizzjoni tagħhom fid-dritt nazzjonali?

2) B'liema mod għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni d-drittijiet fundamentali tal-[Karta] fid-determinazzjoni tal-portata tal-eċċezzjonijiet jew tal-limitazzjonijiet, previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) tad-[Direttiva 2001/29], tad-dritt esklużiv tal-awturi għar-riproduzzjoni (Artikolu 2(a) tad-[Direttiva 2001/29]) u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku, inkluż it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku (Artikolu 3(1) tad-[Direttiva 2001/29]) tax-xogħlijiet tagħhom?

3) Id-drittijiet fundamentali għal-libertà tal-informazzjoni (it-tieni sentenza tal-Artikolu 11(1) tal-[Karta]) jew għal-libertà tal-istampa (Artikolu 11(2) tal-[Karta]) jistgħu jiġġustifikaw eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet għad-drittijiet esklużivi tal-awturi għar-riproduzzjoni (Artikolu 2(a) tad-[Direttiva 2001/29]) u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku, inkluż id-dritt ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku (Artikolu 3(1) tad-[Direttiva 2001/29]) tax-xogħlijiet tagħhom, lil hinn mill-eċċezzjonijiet jew mil-limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) tad-[Direttiva 2001/29]?"

**Fuq id-domandi preliminari**

***Kunsiderazzjonijiet preliminari***

16 Il-qorti tar-rinviju tosserva li l-Oberlandesgericht Köln (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Köln) ibbażat ruħha, sabiex tiċħad l-appell ippreżentat minn Funke Medien, fuq il-premessa li l-UdP setgħu jiġu protetti bħala "xogħlijiet letterarji" taħt id-drittijiet tal-awtur, mingħajr madankollu ma għamlet konstatazzjonijiet speċifiċi f'dan is-sens, ibbażati fuq il-karatteristiċi konkreti li jippermettu li tiġi konkluża l-karatteristika partikolari kreattiva tagħhom.

17 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li huwa utli li tagħmel il-preċiżazzjonijiet segwenti.

18 L-Artikolu 2(a) u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 jipprovdu li l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-awturi, rispettivament, id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu r-riproduzzjoni diretta jew indiretta tax-"xogħlijiet" tagħhom, b'kull mezz u f'kull forma, kif ukoll id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu l-komunikazzjoni lill-pubbliku ta' dawn ix-"xogħlijiet". B'hekk, oġġett jista' jiġi protett mid-drittijiet tal-awtur taħt id-Direttiva 2001/29 fil-każ biss li tali oġġett ikun jista' jiġi kklassifikat bħala "xogħol" fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2018, Levola Hengelo, C-310/17, EU:C:2018:899, punt 34).

19 Kif jirriżulta minn ġurisprudenza ferm stabbilita, sabiex oġġett ikun jista' jiġi kklassifikat bħala "xogħol", huwa meħtieġ li jkunu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet kumulattivi. Minn naħa, is-suġġett ikkonċernat għandu jkun oriġinali, fis-sens li jikkostitwixxi ħolqien intellettwali tal-awtur tiegħu stess. Sabiex ħolqien intellettwali jkun jista' jitqies li huwa tal-awtur tiegħu stess, dan il-ħolqien għandu jirrifletti l-personalità tal-awtur, li jkun il-każ meta l-awtur seta' jesprimi l-kapaċitajiet kreattivi tiegħu fil-ħolqien tax-xogħol billi jagħmel għażliet liberi u kreattivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2011, Painer, C-145/10, EU:C:2011:798, punti 87 sa 89).

20 Min-naħa l-oħra, il-klassifikazzjoni bħala "xogħol", fis-sens tad-Direttiva 2001/29, hija rriżervata għall-elementi li huma l-espressjoni ta' tali ħolqien intellettwali (sentenza tat-13 ta' Novembru 2018, Levola Hengelo, C-310/17, EU:C:2018:899, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 F'dan il-każ, Funke Medien sostniet li l-UdP ma jistgħux jiġu protetti mid-drittijiet tal-awtur peress li huma rapporti li l-istruttura tagħhom hija stabbilita fuq il-bażi ta' mudell uniformi, minn diversi awturi, u peress li l-imsemmija rapporti għandhom natura esklużivament fattwali. Min-naħa tiegħu, il-Gvern Ġermaniż sostna li l-ħolqien stess ta' tali mudell uniformi jista' jiġi protett mid-drittijiet tal-awtur.

22 Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina jekk rapporti dwar is-sitwazzjoni militari, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jew ċerti elementi tagħhom jistgħux jiġu kklassifikati bħala "xogħlijiet", fis-sens tal-Artikolu 2(a) u tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, u għalhekk, ikunu jistgħu jiġu protetti mid-drittijiet tal-awtur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Infopaq International, C-5/08, EU:C:2009:465, punt 48).

23 Sabiex jiġi ddeterminat jekk dan huwiex effettivament il-każ, il-qorti nazzjonali għandha tivverifika jekk, fit-tfassil ta' dawn ir-rapporti, l-awtur setax jagħmel għażliet liberi u kreattivi ta' natura li jittrażmettu lill-qarrej in-natura oriġinali tal-oġġetti inkwistjoni, natura oriġinali din li tirriżulta mill-għażla, mid-dispożizzjoni u mill-kombinazzjoni tal-kliem li permezz tiegħu l-awtur esprima l-ispirtu kreattiv tiegħu b'mod oriġinali u kiseb riżultat li jikkostitwixxi ħolqien intellettwali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Infopaq International, C-5/08, EU:C:2009:465, punti 45 sa 47), filwaqt li jitqies li s-sempliċi sforzi individwali kif ukoll l-għarfien iddedikati għall-ħolqien tal-imsemmija rapporti ma humiex rilevanti f'dan ir-rigward (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2012, Football Dataco *et*, C-604/10, EU:C:2012:115, punt 33).

24 Fil-każ li rapporti dwar is-sitwazzjoni militari, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jikkostitwixxu dokumenti ta' natura purament informattiva, li l-kontenut tagħhom huwa essenzjalment iddeterminat mill-informazzjoni li jkun fihom, b'tali mod li din l-informazzjoni u l-espressjoni tagħha f'dawn ir-rapporti jkunu ħaġa waħda u b'tali mod li l-imsemmija rapporti jkunu b'hekk ikkaratterizzati biss mill-funzjoni teknika tagħhom, bl-esklużjoni ta' kull oriġinalità, ikun hemm lok li jitqies, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 19 tal-konklużjonijiet tiegħu, li, fit-tfassil ta' tali rapporti, kien impossibbli għall-awtur li jesprimi l-ispirtu kreattiv tiegħu b'mod oriġinali u li jikseb riżultat li jikkostitwixxi ħolqien intellettwali tiegħu stess (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2010, Bezpečnostní softwarová asociace, C-393/09, EU:C:2010:816, punti 48 sa 50, u tat-2 ta' Mejju 2012, SAS Institute, C-406/10, EU:C:2012:259, punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dan il-każ, il-qorti nazzjonali jkollha tikkonstata li tali rapporti ma jikkostitwixxux "xogħlijiet" fis-sens tal-Artikolu 2(a) u tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u, għaldaqstant, ma jistgħux jibbenefikaw mill-protezzjoni mogħtija minn dawn id-dispożizzjonijiet.

25 Minn dan isegwi li għandu jitqies li rapporti dwar is-sitwazzjoni militari, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jistgħu jiġu protetti mid-drittijiet tal-awtur biss bil-kundizzjoni, li għandha tiġi vverifikata mill-qorti nazzjonali f'kull każ ineżami, li dawn ir-rapporti jikkostitwixxu ħolqien intellettwali tal-awtur tagħhom li jirrifletti l-personalità ta' dan tal-aħħar u li jintwera permezz tal-għażliet liberi u kreattivi tiegħu fit-tfassil tal-imsemmija rapporti.

26 Huwa bla ħsara għal dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandhom jingħataw risposti għad-domandi magħmula.

*Fuq l-ewwel domanda*

27 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li, kif jirriżulta mill-punti 13 u 14 ta' din is-sentenza, l-ewwel domanda taqa' fil-kuntest tal-applikazzjoni mill-qorti tar-rinviju, bil-għan li tinstab soluzzjoni għat-tilwima fil-kawża prinċipali, tar-regoli dwar ir-rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti u dwar il-kwotazzjonijiet, previsti rispettivament fl-Artikoli 50 u 51 tal-UrhG, li jittrasponu l-Artikolu 5(3)(ċ) u (d) tad-Direttiva 2001/29.

28 Għalkemm ma hijiex qiegħda tistaqsi speċifikament lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tad-Direttiva 2001/29, il-qorti tar-rinviju tindika speċifikament li, skont l-Oberlandesgericht Köln (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Köln), il-pubblikazzjoni tal-UdP minn Funke Medien fuq is-sit internet tagħha ma kinitx tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikoli 50 u 51 tal-UrHG, u għalhekk il-qorti tar-rinviju għandha dubju dwar jekk din id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, bħall-Artikolu 2(a) u l-Artikolu 3(1) tal-imsemmija direttiva, tħallix lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tat-traspożizzjoni tagħha, sa fejn, skont il-ġurisprudenza tal-Bundesverfassungsgericht (il-Qorti Kostituzzjonali Federali), id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jittrasponu direttiva tal-Unjoni ma għandhomx, bħala prinċipju, jiġu evalwati fid-dawl tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-GG iżda għandhom jiġu evalwati biss fid-dawl tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni meta din id-direttiva ma tħalli lill-Istati Membri ebda marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tat-traspożizzjoni tagħha.

29 Huwa f'dan il-kuntest li, permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 2(a) u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, minn naħa, kif ukoll it-tieni każ imsemmi fl-Artikolu 5(3)(ċ) u l-Artikolu 5(3)(d) ta' din id-Direttiva, min-naħa l-oħra, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jikkostitwixxu miżuri ta' armonizzazzjoni sħiħa.

30 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, li huwa karatteristika essenzjali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, il-fatt li Stat Membru jinvoka dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, anki jekk ta' natura kostituzzjonali, ma jistax jolqot l-effett tad-dritt tal-Unjoni fit-territorju ta' dan l-Istat (sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Melloni, C-399/11, EU:C:2013:107, punt 59).

31 Fir-rigward ta' dan il-punt għandu jiġi osservat li, peress li t-traspożizzjoni ta' direttiva mill-Istati Membri taqa' fi kwalunkwe każ fis-sitwazzjoni, imsemmija fl-Artikolu 51 tal-Karta, fejn l-Istati Membri jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, il-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali previst fil-Karta għandu jintlaħaq meta ssir tali traspożizzjoni, irrispettivament mill-marġni ta' diskrezzjoni li jkollhom l-Istati Membri fil-kuntest ta' din it-traspożizzjoni.

32 B'dan premess, peress li, f'sitwazzjoni fejn l-azzjoni tal-Istati Membri ma tkunx iddeterminata kompletament mid-dritt tal-Unjoni, dispożizzjoni jew miżura nazzjonali timplimenta dan id-dritt fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, jibqa' possibbli għall-awtoritajiet u għall-qrati nazzjonali li japplikaw standards nazzjonali ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, bil-kundizzjoni li din l-applikazzjoni la tikkomprometti l-livell ta' protezzjoni previst fil-Karta, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, u lanqas ma tikkomprometti s-supremazija, l-unità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni (sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Melloni, C-399/11, EU:C:2013:107, punt 60, u tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson, C-617/10, EU:C:2013:105, punt 29).

33 B'hekk, huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni li l-qrati u l-awtoritajiet nazzjonali jqisu li din l-applikazzjoni tiddependi mill-fatt, enfasizzat mill-qorti tar-rinviju, li d-dispożizzjonijiet ta' direttiva "jħallu marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tat-traspożizzjoni tagħhom fid-dritt nazzjonali", bil-kundizzjoni li dan il-fatt jinftiehem li jirreferi għal-livell ta' armonizzazzjoni mwettaq mill-imsemmija dispożizzjonijiet, u bil-kundizzjoni li tali applikazzjoni tkun possibbli biss sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet ma jagħmlux armonizzazzjoni sħiħa.

34 F'dan il-każ, għandu jiġi osservat li l-għan tad-Direttiva 2001/29 huwa li tarmonizza biss ċerti aspetti tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati, u li diversi dispożizzjonijiet tagħha juru, barra minn hekk, l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jagħti marġni ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Copydan Båndkopi, C-463/12, EU:C:2015:144, punt 57).

35 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tad-drittijiet esklużivi tad-detenturi msemmija fl-Artikolu 2(a) u fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, fil-punt 18 ta' din is-sentenza tfakkar li dawn id-dispożizzjonijiet jipprevedu li l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-awturi, rispettivament, id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu r-riproduzzjoni diretta jew indiretta tax-xogħlijiet tagħhom, b'kull mezz u f'kull forma, kif ukoll id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu l-komunikazzjoni lill-pubbliku ta' dawn ix-xogħlijiet.

36 B'hekk, dawn id-dispożizzjonijiet jiddefinixxu, b'mod inekwivoku, id-drittijiet esklużivi ta' riproduzzjoni u ta' komunikazzjoni lill-pubbliku li jgawdu minnhom id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur fl-Unjoni. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet ma huma marbuta ma' ebda kundizzjoni u lanqas ma huma suġġetti, fir-rigward tal-eżekuzzjoni tagħhom jew tal-effetti tagħhom, għall-intervent ta' xi tip ta' att, ikun liema jkun.

37 Mill-bqija, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, f'dan ir-rigward, li dawn id-dispożizzjonijiet joffru qafas legali armonizzat li jiżgura protezzjoni għolja u omoġenea tad-drittijiet ta' riproduzzjoni u ta' komunikazzjoni lill-pubbliku (Opinjoni 3/15 (Trattat ta' Marrakexx dwar l-aċċess għal xogħlijiet ippubblikati) tal-14 ta' Frar 2017 EU:C:2017:114, punt 119 u l-ġurisprudenza ċċitata; ara wkoll, fir-rigward tad-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku, is-sentenzi tat-13 ta' Frar 2014, Svensson *et*, C-466/12, EU:C:2014:76, punt 41, kif ukoll tal-1 ta' Marzu 2017, ITV Broadcasting *et*, C-275/15, EU:C:2017:144, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Minn dan isegwi li l-Artikolu 2(a) u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 jikkostitwixxu miżuri ta' armonizzazzjoni sħiħa tal-kontenut materjali tad-drittijiet previsti f'dawn id-dispożizzjonijiet (ara, b'analoġija, fir-rigward tad-dritt esklużiv tal-proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, is-sentenzi tal-20 ta' Novembru 2001, Zino Davidoff u Levi Strauss, C-414/99 sa C-416/99, EU:C:2001:617, punt 39, kif ukoll tat-12 ta' Novembru 2002, Arsenal Football Club, C-206/01, EU:C:2002:651, punt 43).

39 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-premessa 32 tad-Direttiva 2001/29, l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva jipprevedi, fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu, lista ta' eċċezzjonijiet u ta' limitazzjonijiet għad-drittijiet esklużivi ta' riproduzzjoni u ta' komunikazzjoni lill-pubbliku.

40 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-portata tal-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri fir-rigward tat-traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali ta' eċċezzjoni jew ta' limitazzjoni partikolari prevista fl-Artikolu 5(2) jew (3) tad-Direttiva 2001/29 għandha tiġi evalwata każ b'każ, fid-dawl b'mod partikolari tal-kliem tad-dispożizzjoni inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Ottubru 2010, Padawan, C-467/08, EU:C:2010:620, punt 36; tat-3 ta' Settembru 2014, Deckmyn u Vrijheidsfonds, C-201/13, EU:C:2014:2132, punt 16; kif ukoll tat-22 ta' Settembru 2016, Microsoft Mobile Sales International *et*, C-110/15, EU:C:2016:717, punt 27; Opinjoni 3/15 (Trattat ta' Marrakexx dwar l-aċċess għal xogħlijiet ippubblikati) tal-14 ta' Frar 2017, EU:C:2017:114, punt 116), sa fejn il-livell ta' armonizzazzjoni tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet previst mil-leġiżlatur tal-Unjoni jiddependi, fil-fatt, mill-impatt tagħhom fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, kif imfakkar fil-premessa 31 tad-Direttiva 2001/29.

41 Skont it-tieni każ imsemmi fl-Artikolu 5(3)(ċ) u skont l-Artikolu 5(3)(d) tad-Direttiva 2001/29, l-eċċezzjonijiet jew il-limitazzjonijiet li huma previsti f'dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw rispettivament "l-użu tax-xogħolijiet jew suġġett ieħor rigward konness mar-rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti, sakemm ikunu ġustifikati mill-iskop informattiv u sakemm is-sors, magħdud l-isem ta'

l-awtur, ikun indikat, sakemm ma jinstabx li dan ikun impossibbli" u l-"kwotazzjonijiet għal skopijiet bħal kritika jew riċensjoni, kemm-il darba jkunu relatati ma' xogħol jew suġġett ieħor li kien diġà sar disponibbli legalment għall-pubbliku, li, sakemm ma jkunx sar impossibbli, is-sors, magħdud l-isem ta' l-awtur, ikun indikat, u li l-użu tagħhom huwa skond prattika ġusta, u sa fejn meħtieġ, mill-iskop speċifiku".

42 Kif jirriżulta mill-kontenut tagħhom, dawn id-dispożizzjonijiet ma jarmonizzawx b'mod sħiħ il-portata tal-eċċezzjonijiet jew tal-limitazzjonijiet previsti minnhom.

43 Fil-fatt, minn naħa, mill-użu, fit-tieni każ imsemmi fl-Artikolu 5(3)(ċ) u fl-Artikolu 5(3)(d) tad-Direttiva 2001/29, rispettivament tat-termini "sakemm ikunu ġustifikati mill-iskop informattiv" u "skond prattika ġusta, u sa fejn meħtieġ, mill-iskop speċifiku", jirriżulta li l-Istati Membri għandhom, fit-traspożizzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet u fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jimplimentawhom, marġni ta' diskrezzjoni sinjifikattiv li jippermettilhom jibbilanċjaw l-interessi inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 5(3)(d) ta' din id-direttiva jipprevedi biss, fir-rigward tal-każijiet li fihom tista' ssir kwotazzjoni, lista b'eżempji ta' tali każijiet, kif juri l-użu tat-termini "għal skopijiet bħal kritika jew riċensjoni".

44 Dan il-marġni ta' diskrezzjoni huwa kkonfermat mix-xogħlijiet leġiżlattivi li twettqu qabel l-adozzjoni tad-Direttiva 2001/29. B'hekk, mill-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, tal-10 ta' Diċembru 1997 (COM(97) 628 finali), dwar il-limitazzjonijiet li attwalment jinsabu previsti, essenzjalment, fl-Artikolu 5(3)(ċ) u (d) tad-Direttiva 2001/29, jirriżulta li, fid-dawl tal-importanza ekonomika limitata tagħhom, dawn il-limitazzjonijiet ma kellhomx ikunu s-suġġett ta' trattament iddettaljat fl-imsemmija proposta, fejn huma fformulati biss kundizzjonijiet minimi għall-applikazzjoni tagħhom, u li d-definizzjoni ddettaljata tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawn l-eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet kellha titwettaq mill-Istati Membri, b'osservanza tal-limiti ġenerali stabbiliti minn din id-dispożizzjoni.

45 Minkejja l-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tat-tieni każ imsemmi fl-Artikolu 5(3)(ċ) u tal-Artikolu 5(3)(d) tad-Direttiva 2001/29 huwa limitat minn diversi aspetti.

46 L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja repetutament iddeċidiet li l-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-imsemmija eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi eżerċitat fil-limiti imposti mid-dritt tal-Unjoni, li jimplika li l-Istati Membri ma humiex ħielsa, fil-każijiet kollha, li jiddeterminaw, b'mod mhux armonizzat, il-parametri kollha ta' dawn l-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Frar 2003, SENA, C-245/00, EU:C:2003:68, punt 34; tal-1 ta' Diċembru 2011, Painer, C-145/10, EU:C:2011:798, punt 104; u tat-3 ta' Settembru 2014, Deckmyn u Vrijheidsfonds, C-201/13, EU:C:2014:2132, punt 16; Opinjoni 3/15 (Trattat ta' Marrakexx dwar l-aċċess għal xogħlijiet ippubblikati) tal-14 ta' Frar 2017, EU:C:2017:114, punt 122).

47 B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-possibbiltà għall-Istati Membri li jimplimentaw eċċezzjoni jew limitazzjoni għar-regoli armonizzati stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 2001/29 tiġi limitata b'mod strett mir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, l-Opinjoni 3/15 (Trattat ta' Marrakexx dwar l-aċċess għal xogħlijiet ippubblikati) tal-14 ta' Frar 2017, EU:C:2017:114, punt 126).

48 B'mod partikolari, fil-leġiżlazzjoni tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu eċċezzjoni jew limitazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva 2001/29 fil-każ biss li josservaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'din id-dispożizzjoni (ara, b'analoġija, l-Opinjoni 3/15 (Trattat ta' Marrakexx dwar l-aċċess għal xogħlijiet ippubblikati) tal-14 ta' Frar 2017, EU:C:2017:114, punt 123 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 F'dan il-kuntest, l-Istati Membri huma meħtieġa wkoll josservaw il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, fosthom il-prinċipju ta' proporzjonalità, li minnu joħroġ li l-miżuri adottati għandhom ikunu adatti sabiex jintlaħaq l-għan mixtieq u ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq (sentenza tal-1 ta' Diċembru 2011, Painer, C-145/10, EU:C:2011:798, punti 105 u 106).

50 It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva 2001/29 ma jistax jintuża b'mod li jiġu kompromessi l-għanijiet ta' din id-direttiva marbuta, kif jirriżulta mill-premessi 1 u 9 tagħha, mal-istabbiliment ta' livell għoli ta' protezzjoni favur l-awturi u mal-funzjonament tajjeb tas-suq intern (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Diċembru 2011, Painer, C-145/10, EU:C:2011:798, punt 107, u tal-10 ta' April 2014, ACI Adam *et*, C-435/12, EU:C:2014:254, punt 34; Opinjoni 3/15 (Trattat ta' Marrakexx dwar l-aċċess għal xogħlijiet ippubblikati) tal-14 ta' Frar 2017, EU:C:2017:114, punt 124 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 B'dan premess, fil-kuntest ta' din l-implimentazzjoni, l-Istati Membri għandhom ukoll iħarsu l-effett utli tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet stabbiliti b'dan il-mod u għandhom josservaw il-finalità tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Ottubru 2011, Football Association Premier League *et*, C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, punt 163, kif ukoll tat-3 ta' Settembru 2014, Deckmyn u Vrijheidsfonds, C-201/13, EU:C:2014:2132, punt 23), u dan sabiex jinżamm bilanċ ġust fil-qasam tad-drittijiet u tal-interessi bejn id-diversi kategoriji ta' detenturi ta' drittijiet kif ukoll bejnhom u l-utenti tal-oġġetti protetti, kif tiddikjara l-premessa 31 tal-imsemmija direttiva.

52 It-tielet nett, il-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva 2001/29 jiġi llimitat ukoll mill-Artikolu 5(5) tal-imsemmija direttiva, li jissuġġetta tali eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet għal kundizzjoni bi tliet aspett, jiġifieri li dawn l-eċċezzjonijiet jew dawn il-limitazzjonijiet japplikaw biss f'ċerti każijiet speċjali, li ma jippreġudikawx l-isfruttament normali tax-xogħol u li ma jikkawżawx dannu mhux ġustifikat għall-interessi leġittimi tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur (Opinjoni 3/15 (Trattat ta' Marrakexx dwar l-aċċess għal xogħlijiet ippubblikati) tal-14 ta' Frar 2017, EU:C:2017:114, punt 125 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 Ir-raba' nett, kif tfakkar fil-punt 31 ta' din is-sentenza, il-prinċipji stabbiliti fil-Karta japplikaw għall-Istati Membri meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, meta jittrasponu l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva 2001/29, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jibbażaw ruħhom fuq interpretazzjoni ta' dawn tal-aħħar li tippermetti li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn id-diversi drittijiet fundamentali protetti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (sentenzi tas-27 ta' Marzu 2014, UPC Telekabel Wien, C-314/12, EU:C:2014:192, punt 46, u tat-18 ta' Ottubru 2018, Bastei Lübbe, C-149/17, EU:C:2018:841, punt 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata; ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2013, IBV & Cie, C-195/12, EU:C:2013:598, punti 48 u 49 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

54 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li l-Artikolu 2(a) u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jikkostitwixxu miżuri ta' armonizzazzjoni sħiħa tal-kontenut materjali tad-drittijiet previsti minnhom. It-tieni każ imsemmi fl-Artikolu 5(3)(ċ) u l-Artikolu 5(3)(d) ta' din id-direttiva għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jikkostitwixxux miżuri ta' armonizzazzjoni sħiħa tal-portata tal-eċċezzjonijiet jew tal-limitazzjonijiet previsti minnhom.

*Fuq it-tielet domanda*

55 Permezz tat-tielet domanda tagħha, li għandha tiġi eżaminata fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk il-libertà ta' informazzjoni u l-libertà tal-istampa, stabbiliti fl-Artikolu 11 tal-Karta, jistgħux jiġġustifikaw, minbarra l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva 2001/29, deroga mid-drittijiet esklużivi ta' riproduzzjoni u ta' komunikazzjoni lill-pubbliku tal-awtur, previsti rispettivament fl-Artikolu 2(a) u fl-Artikolu 3(1) tal-imsemmija direttiva.

56 Qabel kollox, għandu jiġi osservat li kemm mill-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta COM(97) 628 finali u kemm mill-premessa 32 tad-Direttiva 2001/29 jirriżulta li l-lista tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet li tinsab fl-Artikolu 5 ta' din id-direttiva hija ta' natura eżawrjenti, kif enfasizzat diversi drabi l-Qorti tal-Ġustizzja (sentenzi tas-16 ta' Novembru 2016, Soulier u Doke, C-301/15, EU:C:2016:878, punt 34, u tas-7 ta' Awwissu 2018, Renckhoff, C-161/17, EU:C:2018:634, punt 16).

57 Kif jirriżulta mill-premessi 3 u 31 tad-Direttiva 2001/29, l-armonizzazzjoni mwettqa permezz tagħha hija intiża li żżomm, u dan b'mod partikolari fl-ambjent elettroniku, bilanċ ġust bejn, minn naħa, l-interess tad-detenturi tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati fil-protezzjoni tad-dritt tal-proprjetà intellettwali tagħhom, iggarantit mill-Artikolu 17(2) tal-Karta, u, min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tal-interessi u tad-drittijiet fundamentali tal-utenti ta' oġġetti protetti, b'mod partikolari tal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni tagħhom, iggarantita mill-Artikolu 11 tal-Karta, kif ukoll tal-interess ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Renckhoff, C-161/17, EU:C:2018:634, punt 41).

58 Issa, il-mekkaniżmi li jippermettu li jinstab bilanċ ġust bejn dawn id-diversi drittijiet u interessi huma stabbiliti fid-Direttiva 2001/29 stess, sa fejn tipprevedi, b'mod partikolari, minn naħa, fl-Artikoli 2 sa 4 tagħha, id-drittijiet esklużivi tad-detenturi ta' drittijiet u, min-naħa l-oħra, fl-Artikolu 5 tagħha, l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għal dawn id-drittijiet li jistgħu, jew anki għandhom, jiġu ttrasposti mill-Istati Membri, mekkaniżmi dawn li madankollu għandhom jissawru permezz ta' miżuri nazzjonali li jittrasponu din id-direttiva kif ukoll permezz tal-applikazzjoni tagħha mill-awtoritajiet nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Jannar 2008, Promusicae, C-275/06, EU:C:2008:54, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet repetutament li d-drittijiet fundamentali li issa jinsabu rrikonoxxuti fil-Karta, li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura r-rispett tagħhom, huma ispirati mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri kif ukoll mill-indikazzjonijiet mogħtija mill-istrumenti internazzjonali li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u li l-Istati Membri kkooperaw fihom jew li aderixxew għalihom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-540/03, EU:C:2006:429, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Fir-rigward tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet previsti fit-tieni każ imsemmi fl-Artikolu 5(3)(ċ) u fl-Artikolu 5(3)(d) tad-Direttiva 2001/29, li dwarhom għamlet domanda l-qorti tar-rinviju, għandu jiġi enfasizzat li dawn huma intiżi speċifikament li jipprivileġġaw l-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà ta' espressjoni tal-utenti ta' oġġetti protetti u għal-libertà tal-istampa, eżerċizzju dan li għandu importanza partikolari sa fejn huwa protett bħala wieħed mid-drittijiet fundamentali, meta mqabbel mal-interess tal-awtur li jkun jista' joġġezzjona għall-użu tax-xogħol tiegħu, filwaqt li jiġi żgurat li dan l-awtur ikollu d-dritt li, bħala prinċipju, ismu jiġi indikat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2011, Painer, C-145/10, EU:C:2011:798, punt 135).

61 L-Artikolu 5(5) ta' din id-direttiva, li, kif ġie enfasizzat fil-punt 52 ta' din is-sentenza, jeħtieġ li l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet previsti fil-paragrafi 1 sa 4 tal-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva jiġu applikati biss f'ċerti każijiet speċjali li ma jippreġudikawx l-isfruttament normali tax-xogħol jew ta' oġġett protett ieħor u li ma jikkawżawx dannu mhux ġustifikat għall-interessi leġittimi tad-detentur tad-drittijiet, jikkontribwixxi wkoll għall-bilanċ ġust imfakkar fil-punti 51 u 57 ta' din is-sentenza.

62 F’dan il-kuntest, jekk, minkejja r-rieda espliċita tal-leġiżlatur tal-Unjoni, imfakkra fil-punt 56 ta’ din is-sentenza, kull Stat Membru jitħalla jintroduċi derogi mid-drittijiet esklużivi tal-awtur, imsemmija fl-Artikoli 2 sa 4 tad-Direttiva 2001/29, minbarra l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet previsti b’mod eżawrjenti fl-Artikolu 5 ta’ din id-direttiva, dan ikun ta’ theddida għall-effettività tal-armonizzazzjoni tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati mwettqa mill-imsemmija direttiva kif ukoll għall-għan ta’ ċertezza legali mfittex minnha (sentenza tat-13 ta’ Frar 2014, Svensson *et*, C-466/12, EU:C:2014:76, punti 34 u 35). Fil-fatt, mill-premessa 31 ta’ din l-istess direttiva jirriżulta espliċitament li d-differenzi li kienu jeżistu fil-livell tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet għal ċerti atti suġġetti għal restrizzjonijiet kellhom impatt negattiv dirett fuq il-funzjonament tas-suq intern fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati, u għalhekk il-lista tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet li tinsab fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29 hija intiża li tiżgura dan il-funzjonament tajjeb.

63 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-premessa 32 tal-istess direttiva, l-Istati Membri huma marbuta japplikaw dawn l-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet b’mod koerenti. Issa, ir-rekwiżit ta’ koerenza fl-implimentazzjoni ta’ dawn l-eċċezzjonijiet u ta’ dawn il-limitazzjonijiet ma jkunx jista’ jiġi żgurat jekk l-Istati Membri jkunu ħielsa li jipprevedu tali eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet għajr dawk previsti espliċitament fid-Direttiva 2001/29 (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta’ Novembru 2015, Hewlett-Packard Belgium, C-572/13, EU:C:2015:750, punti 38 u 39), u dan filwaqt li, mill-bqija, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà enfasizzat li ebda dispożizzjoni tad-Direttiva 2001/29 ma tipprevedi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jestendu l-portata tal-imsemmija eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta’ April 2014, ACI Adam *et*, C-435/12, EU:C:2014:254, punt 27).

64 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tielet domanda hija li l-libertà ta’ informazzjoni u l-libertà tal-istampa, irrikonoxxuti fl-Artikolu 11 tal-Karta, ma jistgħux jiġġustifikaw, minbarra l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva 2001/29, deroga mid-drittijiet esklużivi ta’ riproduzzjoni u ta’ komunikazzjoni lill-pubbliku tal-awtur, previsti rispettivament fl-Artikolu 2(a) u fl-Artikolu 3(1) ta’ din id-direttiva.

### *Fuq it-tieni domanda*

65 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk il-qorti nazzjonali, fil-kuntest tal-ibbilanċjar li għandha twettaq bejn id-drittijiet esklużivi tal-awtur previsti fl-Artikolu 2(a) u fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, minn naħa, u d-drittijiet tal-utenti ta’ oġġetti protetti previsti fid-dispożizzjonijiet derogatorji tat-tieni każ imsemmi fl-Artikolu 5(3)(ċ) u tal-Artikolu 5(3)(d) ta’ din id-Direttiva, min-naħa l-oħra, tistax titbiegħed minn interpretazzjoni restrittiva ta’ dawn id-dispożizzjonijiet tal-aħħar favur interpretazzjoni tagħhom li tieħu inkunsiderazzjoni kompletament il-ħtieġa li tiġi osservata l-libertà ta’ espressjoni u ta’ informazzjoni, iggarantita permezz tal-Artikolu 11 tal-Karta.

66 F’dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-possibbiltà li, f’dan il-każ, it-tieni każ imsemmi fl-Artikolu 5(3)(ċ) tad-Direttiva 2001/29 jiġi applikat għall-użu tal-UdP minn Funke Medien, għar-raġuni li din tal-aħħar ma rabtet il-pubblikazzjoni tal-imsemmija UdP ma ebda att separat ta’ rappurtaġġ.

67 Kif tfakkar fil-punt 53 ta’ din is-sentenza, fit-traspożizzjoni tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva 2001/29, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jibbażaw ruħhom fuq interpretazzjoni ta’ dawn tal-aħħar li tippermetti li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn id-diversi drittijiet fundamentali protetti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

68 Sussegwentement, fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta’ traspożizzjoni ta’ din id-direttiva, l-awtoritajiet u l-qrati tal-Istati Membri għandhom mhux biss jinterpretaw id-dritt nazzjonali tagħhom b’mod konformi ma’ din l-istess direttiva, iżda għandhom ukoll jevitaw interpretazzjoni tagħha li toħloq kunflitt mal-imsemmija drittijiet fundamentali jew mal-prinċipji ġenerali l-oħra tad-dritt tal-Unjoni, kif

deċiż repetutament mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Jannar 2008, Promusicae, C-275/06, EU:C:2008:54, punt 70; tas-27 ta' Marzu 2014, UPC Telekabel Wien, C-314/12, EU:C:2014:192, punt 46; u tas-16 ta' Lulju 2015, Coty Germany, C-580/13, EU:C:2015:485, punt 34).

69 Huwa minnu li, kif tosserva l-qorti tar-rinviju, deroga minn regola ġenerali għandha, bħala prinċipju, tkun is-suġġett ta' interpretazzjoni stretta.

70 Madankollu, minkejja li t-titolu formali tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29 huwa "Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet", għandu jiġi osservat li tali eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet jimplikaw huma stess drittijiet favur l-utenti ta' xogħlijiet jew ta' oġġetti protetti oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, Eugen Ulmer, C-117/13, EU:C:2014:2196, punt 43). Barra minn hekk, kif tfakkar fil-punt 51 ta' din is-sentenza, dan l-artikolu għandu speċifikament l-għan li jiżgura bilanċ ġust bejn, minn naħa, id-drittijiet u l-interessi tad-detenturi ta' drittijiet, li huma stess huma s-suġġett ta' interpretazzjoni wiesgħa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Novembru 2016, Soulier u Doke, C-301/15, EU:C:2016:878, punti 30 u 31 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata) u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet u l-interessi tal-utenti ta' xogħlijiet jew ta' oġġetti protetti oħra.

71 Minn dan jirriżulta li l-interpretazzjoni tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29 għandha tippermetti, kif tfakkar fil-punt 51 ta' din is-sentenza, li jitħares l-effett utli tagħhom u li tiġi osservata l-finalità tagħhom, rekwiżit dan li għandu importanza partikolari sa fejn dawn l-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet huma intiżi, bħal dawk previsti fl-Artikolu 5(3)(ċ) u (d) tad-Direttiva 2001/29, li jiggarantixxu l-osservanza ta' libertajiet fundamentali.

72 F'dan il-kuntest, għandu, minn naħa, jingħad ukoll li huwa minnu li l-protezzjoni tad-dritt tal-proprjetà intellettwali hija rrikonoxxuta fl-Artikolu 17(2) tal-Karta. B'dan premess, bl-ebda mod ma jirriżulta, la minn din id-dispożizzjoni u lanqas mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tali dritt huwa intanġibbli u li l-protezzjoni tiegħu għandha għalhekk tiġi żgurata b'mod assolut (sentenzi tal-24 ta' Novembru 2011, Scarlet Extended, C-70/10, EU:C:2011:771, punt 43; tas-16 ta' Frar 2012, SABAM, C-360/10, EU:C:2012:85, punt 41; u tas-27 ta' Marzu 2014, UPC Telekabel Wien, C-314/12, EU:C:2014:192, punt 61).

73 Min-naħa l-oħra, fil-punt 60 ta' din is-sentenza tfakkar li l-Artikolu 5(3)(ċ) u (d) tad-Direttiva 2001/29 huwa intiż li jipprivileġġa l-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà ta' espressjoni tal-utenti ta' oġġetti protetti u għal-libertà tal-istampa, li huwa ggarantit mill-Artikolu 11 tal-Karta. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, sa fejn il-Karta fiha drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), l-Artikolu 52(3) tal-Karta huwa intiż li jiżgura l-koerenza neċessarja bejn id-drittijiet li jinsabu fil-Karta u d-drittijiet korrispondenti ggarantiti mill-KEDB, mingħajr ma dan jippreġudika l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-15 ta' Frar 2016, N., C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punt 47, u tas-26 ta' Settembru 2018, Staatssecretaris van Veiligheid en justitie (Effett sospensiv tal-appell), C-180/17, EU:C:2018:775, punt 31 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). L-Artikolu 11 tal-Karta fih drittijiet li jikkorrispondu għal dawk iggarantiti mill-Artikolu 10(1) tal-KEDB (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Frar 2019, Buivids, C-345/17, EU:C:2019:122, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

74 Issa, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sabiex jitwettaq l-ibbilanċjar bejn id-drittijiet tal-awtur u d-dritt għal-libertà tal-espressjoni, l-imsemmija qorti enfasizzat, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li t-tip ta' "diskors" jew ta' informazzjoni inkwistjoni huwa ta' importanza partikolari, b'mod partikolari fil-kuntest tad-dibattitu politiku jew ta' dibattitu li jolqot l-interess ġenerali (ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 10 ta' Jannar 2013, Ashby Donald *et* vs Franza, CE:ECHR:2013:0110JUD003676908, punt 39).

75 F'dan il-każ, mill-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li Funke Medien mhux biss ippubblikat l-UdP fuq is-sit internet tagħha, iżda ppreżentathom ukoll f'forma sistematizzata flimkien ma' kummentarju ta' introduzzjoni, links supplimentari u stedina għal interazzjoni. F'tali ċirkustanzi, u jekk jitqies li l-UdP għandhom jiġu kklassifikati bħala "xogħlijiet" fis-sens tal-Artikolu 2(a) u tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, għandu jitqies li l-pubblikazzjoni ta' dawn id-dokumenti tista' tikkostitwixxi "użu tax-xogħolijiet [...] konness mar-rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti", fis-sens tat-tieni każ imsemmi fl-Artikolu 5(3)(ċ) tad-Direttiva 2001/29. Għaldaqstant, din il-pubblikazzjoni tista' taqa' taħt din id-dispożizzjoni, sakemm ikunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet l-oħra previsti f'din id-dispożizzjoni, punt dan li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

76 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda hija li l-qorti nazzjonali, fil-kuntest tal-ibbilanċjar li għandha twettaq, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ ikkonċernat, bejn id-drittijiet esklużivi tal-awtur previsti fl-Artikolu 2(a) u fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, minn naħa, u d-drittijiet tal-utenti ta' oġġetti protetti msemmija fid-dispożizzjonijiet derogatorji tat-tieni każ imsemmi fl-Artikolu 5(3)(ċ) u tal-Artikolu 5(3)(d) ta' din id-direttiva, min-naħa l-oħra, għandha tibbaża ruħha fuq interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet li, filwaqt li tosserva l-formulazzjoni tagħhom u filwaqt li tħares l-effett utli tagħhom, tkun kompletament konformi mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta.

**Fuq l-ispejjeż**

77 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 2(a) u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni għandhom jiġu interpretati fis-sens li jikkostitwixxu miżuri ta' armonizzazzjoni sħiħa tal-kontenut materjali tad-drittijiet previsti minnhom. It-tieni każ imsemmi fl-Artikolu 5(3)(ċ) u l-Artikolu 5(3)(d) ta' din id-direttiva għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jikkostitwixxux miżuri ta' armonizzazzjoni sħiħa tal-portata tal-eċċezzjonijiet jew tal-limitazzjonijiet previsti minnhom.**

2) **Il-libertà ta' informazzjoni u l-libertà tal-istampa, irrikonoxxuti fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ma jistgħux jiġġustifikaw, minbarra l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva 2001/29, deroga mid-drittijiet esklużivi ta' riproduzzjoni u ta' komunikazzjoni lill-pubbliku tal-awtur, previsti rispettivament fl-Artikolu 2(a) u fl-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva.**

3) **Il-qorti nazzjonali, fil-kuntest tal-ibbilanċjar li għandha twettaq, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ ikkonċernat, bejn id-drittijiet esklużivi tal-awtur previsti fl-Artikolu 2(a) u fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, minn naħa, u d-drittijiet tal-utenti ta' oġġetti protetti msemmija fid-dispożizzjonijiet derogatorji tat-tieni każ imsemmi fl-Artikolu 5(3)(ċ) u tal-Artikolu 5(3)(d) ta' din id-direttiva, min-naħa l-oħra, għandha tibbaża ruħha fuq interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet li, filwaqt li tosserva l-formulazzjoni tagħhom u filwaqt li tħares l-effett utli tagħhom, tkun kompletament konformi mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.**

Firem